**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Numru: 16/2020 RM**

**Joseph Caruana**

**-Vs-**

**Vincent Caruana u Rita Caruana**

**Illum, 13 ta' Marzu 2023**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat fir-Reġistru ta' din il-Qorti fid-29 ta' Jannar 2020 li permezz tiegħu Joseph Caruana talab li:

*Prevja dikjarazzjoni li l-attur iffirma l-iskrittura datata 3 ta' Settembru 2014 (kopja annessa bhala Dok A) minghajr l-assistenza ta' avukat ta' fiducja tieghu u taħt l-influwenza ta' żball, liema żball, indott mill-konvenuti u/jew mill-avukat tal-konvenuti, kien determinati biex huwa ffirma;*

*Jigi dikjarat illi l-iskrittura msemmija datata 3 ta' Settembru 2014 (kopja annessa bhala Dok A) hija nulla u invalida u minghajr effett fil-ligi;*

*Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, minn issa inġunti in subizzjoni, inklużi ta' l-ittri ufficcjali annessi bhala Dok B, C u D*

*Ghall-finijiet ta' valur, l-attur jiddikjara illi l-valur li dwaru titratta l-iskrittura impunjata huwa ta' elfejn u ħames mija u tnejn u ghoxrin euro (€2,522)"*

Rat ir-Risposta tal-konvenuti Vincent Caruana u Rita Caruana pprezentata fis-6 ta' Marzu 2020 fejn ġie eċċepit:-

"*i.* *Preliminarjament, in-nuqqas ta' kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti ratione materiae stante li t-talba tar-rikorrenti hija sabiex tigi mpunjata skrittura privata u tigi dikjarata bhala nulla, invalida u minghajr effett fil-Ligi;*

*ii.* *Minghajr pregudizzju ghall-premess, assolutament m'huwiex minnu li r-rikorrenti ffirma l-iskrittura tat-3 ta' Settembru, 2014 taħt l-influwenza ta' zball u dan kif ser jirrizulta ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

*iii.* *Minghajr pregudizzju ghall-premess, assolutament m'huwiex minnu li l-esponenti u/jew il-konsulent legali tal-esponenti inducew lir-rikorrenti biex jiffirma l-iskrittura, izda din kienet xjelta libera u mhux sfurzata fuqu. Kien ir-rikorrenti wkoll li ghazel li ma jkunx assistit minn avukat tal-fiducja tieghu. Dan kollu ser jirrizulta ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

*iv.* *Minghajr pregudizzju ghall-premess u jekk jirrizulta li r-rikorrenti kien taht l-influwenza ta' zball (minkejja li jerga' jigi ribadut li dan ma kienx il-kaz), xorta wahda ma jezistux l-elementi rikjesti mill-Ligi biex l-iskrittura tigi dikjarata nulla, invalida u minghajr effett fil-Ligi;*

v. *Ir-rikorrenti stitwixxa dawn il-proceduri biex jahrab mill-obbligu ta' hlas minnu assunt u dan wara li l-esponenti Vincent Caruana stitwixxa proceduri quddiem din l-Onorabbli Qorti kontra l-istess rikorrenti fil-kawza fl-ismijiet:* ***Vincent Caruana vs Joseph Caruana et (Avviz numru 16/2019).***

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri kemm il-darba jkun il-kaz.*

Rat illi permezz ta' digriet mogħti fid-19 ta' Mejju 2020 fejn ġiet milqugħa t-talba ta' Joseph Caruana fir-rikors tiegħu tad-29 ta' Jannar 2020, ippreżentat fl-atti tal-kawza Rikors Numru 16/2019 fl-ismijiet **Vincent Caruana v. Francis sive Frank Caruana et** u ġie ordnat illi din il-kawża tiġi mismugħa flimkien mal-kawża appena msemmija Rikors Numru 16/2019 għall-finijiet tal-Artikolu 793(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi fis-seduta tal-15 ta' Frar 2021 il-konvenuti rtiraw l-ewwel eċċezzjoni sollevata fir-Risposta tagħhom, dwar in-nuqqas ta' kompetenza tal-Qorti *ratione materiae*;

Semgħet ix-xhieda kollha;

Rat id-dokumenti kollha esebiti u l-provi kollha prodotti mill-partijiet;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata mill-attur fit-13 ta' Jannar 2023;

Semgħet is-sottomissjonijiet orali tal-abbli avukat tal-konvenuti fl-udjenza tat-2 ta' Frar 2023;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawża kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi din hija azzjoni għat-tħassir ta' skrittura privata li ġiet konkluża fit-3 ta' Settembru 2014 bejn l-attur Joseph Caruana u ħuh Vincent Caruana u martu Rita Caruana. L-attur isejjes l-azzjoni fuq l-allegazzjoni li l-kunsens tiegħu fuq din l-iskrittura ġe mogħti bi żball determinanti li kien indott mill-konvenuti u jew mill-avukat tagħhom. Jikkontendi għalhekk illi l-iskrittura ma tiswix u għandha tiġi mħassra.

Il-partijiet l-oħra mħarrkin jiċħdu bil-qawwa kollha li l-kunsens tal-attur ittieħed ħażin u jisħqu li l-iskrittura tiswa u ma hemmx raġuni tajba biex titħassar. Jikkontendu wkoll li din il-kawża ġiet istitwita mill-attur biex jaħrab mill-obbligu ta' ħlas assunt minnu u dan wara li Vincent Caruana, il-konvenut odjern, istitwixxa proċeduri kontrih fil-kawża Rikors Numru 16/2019 fl-ismijiet **Vincent Caruana v. Francis Caruana et**.

Il-fatti li joħorġu mill-atti u mill-provi u li huma pertinenti għar-riżoluzzjoni ta' din il-vertenza u li dwarhom m'hemmx kontestazzjoni, huma s-segwenti:-

Il-partijiet u Francis sive Frank Caruana huma aħwa. Huma għandhom storja twila ta' diżgwid minħabba l-wirt ta' ommhom u missierhom, u kienu ġew istitwiti żewġ kawżi, waħda għall-qsim tal-wirt tal-omm (Rikors 306/2003) fl-ismijiet **Vincent Caruana et v. Frank Caruana** u l-oħra għall-ħlas tal-leġittima mill-wirt tal-missier (Rikors 974/2003) fl-ismijiet **Frank Caruana et v. Vincent Caruana et**, it-tnejn deċiżi mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Ottubru 2007.

Fis-sentenza fir-Rikors 306/2003, ġie *inter alia* deċiż hekk dwar il-beni mobbli provenjenti mill-wirt tal-omm:-

"*il-beni mobbli għandhom jinqasmu fi tliet ishma indaqs u jiġi assenjat sehem lil 'kull wieħed mill-atturi u lill-konvenut Vincent Caruana'*[1], *b'dan illi, jekk il-partijiet ma jaqblux dwar kif għandu jsir il-qsim sa tliet xhur mil-lum, taħtar lill-AIC Godwin Abela sabiex jagħmel pjan tal-qasma fi tliet ishma indaqs (b'ekwiparazzjoni fi flus jekk meħtieġ) u l-ishma jiġu assenjati bix-xorti.*"

Il-partijiet, ċioe' t-tliet aħwa, ma qablux dwar kif kellu jsir il-qsim tal-mobbli konsistenti f'għamara. Din l-għamara kienet tinsab fl-appartament ġewwa Blokk 1, Flat 6, Scheme 3, Paola Hill, Raħal Ġdid li kien ġie mħolli b'legat fil-wirt ta' missier il-partijiet, Emmanuele Caruana, lill-konvenuti odjerni, Vincent Caruana u lil martu Rita Caruana.

Permezz ta' rikors ippreżentat fit-22 ta' Jannar 2008 fl-atti tal-kawża Rikors 306/2003, wara s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Ottubru 2007, Vincent Caruana u martu kienu talbu fost talbiet oħrajn, illi l-Qorti tipprefiġġi terminu li fih Joseph Caruana u Frank Caruana jiġbru mingħandhom il-mobbli li jkun għażlu u fin-nuqqas, jiġi stipolat li jkollhom il-jedd għall-ħlas tal-i*storage* fees minn data u okkorrendo wkoll bil-prezz li jiġu stabbiliti mill-Qorti.

Permezz ta' digriet mogħti fil-21 ta' Frar 2008 wara li t-talbiet ta' Vincent Caruana u martu kienu ġew opposti minn ħutu b'risposta ppreżentata fit-12 ta' Frar 2008, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mingħajr ma laqgħet it-talbiet fir-rikors tat-22 ta' Jannar 2008, ipprovdiet hekk:-

"*Billi ma sarx ftehim dwar il-qsim tal-beni mobbli fiż-żmien mogħti fis-sentenza, tordna illi qsim isir kif ordnat fis-sentenza.*"

Permezz ta' ittra legali spedita mill-Avukat Ruth Scott għan-nom ta' Vincent Caruana (Dok. VC9), Frank Caruana u Joseph Caruana ġew interpellati sabiex sal-aħħar ta'

[1] Permezz ta' digriet mogħti fit-28 ta' Mejju 2009, il-Qorti awtorizzat li ssir korrezzjoni biex din il-parti tinqara: "lil kull wieħed mill-konvenuti u lill-attur Vincent Caruana".

Marzu 2009 "*tersqu biex tagħżlu u tiġbru l-mobbli eżistenti fil-fond Block 1, Scheme 3, Paola Hill, Paola*" u fin-nuqqas kien ser isir rikors biex il-mobbli jiġu diviżi mill-Perit maħtur mill-Qorti skont kif ordnat fis-sentenza tat-12 ta' Ottubru 2007.

Fit-28 ta' Mejju 2009 l-avukat ta' Joseph Caruana u Francis Caruana kiteb lill-avukat tal-atturi Vincent Caruana u Rita Caruana b'indikazzjoni tal-għażla tagħhom tal-mobbli li riedu li jiġu assenjati lilhom[2], iżda sadanittant, Vincent Caruana u martu kienu diġa' intavolaw rikors fis-16 ta' April 2009 b'diversi talbiet, fosthom li Francis Caruana u Joseph Caruana jiġu ordnati jiġbru mill-fond Blokk 1, Flat 6, Scheme 3, Paola Hill, Raħal Ġdid l-mobbli assenjati lilhom bix-xorti skont il-pjan tal-qasma mħejjija mill-Perit Godwin Abela, u fin-nuqqas, Vincent Caruana jkun awtorizzat jiddisponi mill-istess mobbli a spejjeż tagħhom.

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti fit-28 ta' Mejju 2009 fuq rikors tal-atturi tas-16 ta' April 2009, ġiet milqugħa *inter alia*, it-tielet talba liema talba kienet sabiex: "*Francis Caruana u Joseph Caruana jiġu ordnati **jiġbru mill-fond Blokk 1, Flat 6, Scheme 3, Paola Hill, Raħal Ġdid** l-mobbli assenjati lilhom bix-xorti skont il-pjan tal-qasma mħejjija mill-Perit Godwin Abela, u fin-nuqqas, **Vincent Caruana jkun awtorizzat jiddisponi mill-istess mobbli a spejjeż tagħhom**.*"

Il-qsim tal-mobbli skont il-pjan ta' qasma mħejjija mill-Perit Godwin Abela, sar fit-23 ta' Novembru 2009 fejn il-Porzjoni bl-ittra A1 messet lil Frank Caruana, il-Porzjoni bl-ittra A2 messet lil Joseph Caruana u l-Porzjoni bl-ittra A3 messet lil Vincent Caruana (Dok. VC12).

Permezz ta' żewġ ittri li ntbagħtu mill-Perit Godwin Abela fil-11 ta' Diċembru 2009, waħda lil Frank Caruana[3] u l-oħra lil Joseph Caruana[4], huma ġew avżati li l-oġġetti li messew lilhom rispettivament, "*għandhom jinġabru sal-21 ta' Diċembru 2009; fin-nuqqas dawn l-oġġetti jiġu disposti definittivament minn terzi*".

---

[2] Dok. FC-C, paġna 195 tal-atti tal-kawża.
[3] Dok. FC-H, paġna 200 tal-atti tal-kawża.
[4] Dok. JC4, paġna 97 tal-atti tal-kawża.

Mhux kontestat li l-mobbli li ġew assenjati lil Joseph Caruana u Francis Caruana fil-qasma li saret fit-23 ta' Novembru 2009, liema mobbli kienu qed jinżammu fl-appartament ta' Vincent Caruana u martu ġewwa Raħal Ġdid, baqgħu ma nġabrux. Vincent Caruana baqa' jinsisti tramite l-avukat tiegħu, f'email li ntbagħat fl-1 ta' Marzu 2010)[5] lill-avukat ta' ħutu dak iż-żmien, Dr. Gianfranco Gauci, li l-għamara li ġiet assenjata lil ħutu fil-qasma għandha titneħħa mill-appartament tiegħu minnufih.

Dakinhar stess, 1 ta' Marzu 2010, Jonathan Farrugia ta' William Transport & Removal Services, fuq inkarigu tal-konvenut Vincent Caruana, ġarr l-għamara ta' ħutu Joseph u Francis Caruana minn ġol-appartament tiegħu u stivaha f'garaxx ta' terza persuna, Frank Paul Sammut bil-prezz ta' €3 kuljum. Fir-rigward tal-ispejjeż tal-ġarr, inħarġet fattura mid-ditta William Transport & Removal Services għall-prezz ta' €100[6].

Fid-29 ta' Marzu 2010, Dr. Ruth Scott bagħet email lil Dr. Gianfranco Gauci fejn avżatu biex jgħarraf lil Joseph Caruana sabiex "*ġimgħa qabel ikun sejjer jiġbor l-għamara in kwistjoni, javżah bil-jum u l-ħin biex b'hekk ikun f'pożizzjoni li jiftaħlu l-imsemmi garaxx*". Dan l-email huwa intestat: "**Ġbir ta' Għamara minn Garaxx mingħajr numru, Triq il-Minfaħ, c/w Triq il-Forga, Naxxar.**"

Ma kien hemm ebda risposta għal dan l-email.

Fis-27 ta' April 2010 Dr. Ruth Scott għan-nom tal-konvenut Vincent Caruana bagħtet ittra lil Dr. Gianfranco Gauci ġewwa 48, Triq l-Ifran, Valletta, fejn għarrfitu[7]:

*"Fl-iqsar żmien possibbli ġentilment nitolbok tgħarrafni bid-data meta l-klienti tiegħek, is-Sinjur Joseph u Frank Caruana, ser jiġbru l-għamara lilhom assenjata*

---

[5] Ara Dok. JC7: ittra bil-firma oriġinali ta' Dr. Ruth Scott.

[6] Paġna 47 tal-atti tal-kawża.

[7] Dok. JC8. Hemm ukoll Dok. VC16 li hija vera kopja ta' ittra li ntbagħtet lil Dr Gianfranco Gauci bl-istess kontenut identiku, liema kopja madanakollu hija datata 23 ta' April 2010 u mhux 27 ta' April 2010.

*għax jekk dawn ser jibqgħu inadempjenti, il-klienti tiegħi ma jkollhom ebda alternattiva ħlief li jiddisponu minnha skond l-ordni diġa' maħruġ mill-Qorti.*

***Għal kull buon fini ngħarrfek illi l-klienti tiegħi, barra li ħallsu l-ammont ta' mitt Ewro (€100) fl-1 ta' Marzu 2010 għall-ġarr tal-għamara in kwistjoni minn fejn kienet għall-istore, qed iħallsu kera bir-rata ta' €3 kuljum għall-istess store.***" (emfasi tal-Qorti)

F'din l-ittra ma ġiex speċifikat il-post fejn il-mobbli kienu qed jiġu stivati u ma jirriżultax li din l-ittra ġiet imwieġba.

In segwitu għal dan, matul perijodu ta' 'l fuq minn erba' snin, ma jirriżultax li sar xi tentattiv ieħor ta' komunikazzjoni da parti tal-konvenut Vincent Caruana jew l-avukat tiegħu, ma' Frank Caruana u jew l-attur Joseph Caruana fir-rigward tal-mobbli assenjati lilhom u dawn baqgħu jiġu stivati fil-post ta' Frank Paul Sammut.

Imbagħad fit-22 ta' Awwissu 2014, Dr. Ruth Scott bagħtet ittra lil Vincent Caruana, Frank Caruana u Joseph Caruana fejn infurmathom:

"*Skont l-aħħar korrispondenza jidher li kien fadal pendenti l-għamara li kellha tinġabar mill-konvenuti, il-ħlas ta' €100 għall-ġarr tal-għamara għall-istorage attwali, il-ħlas tal-istore bir-rata ta' €3 kuljum b'effett mill-1 ta' Marzu 2020 u d-diviżjoni tal-akkonti bankarji. Għalhekk intom mitluba sabiex tavviċinawni sas-7 ta' Settembru 2014 biex dawn il-vertenzi jiġu finalment konklużi.*"

In segwitu għal din l-ittra, fit-3 ta' Settembru 2014, l-attur Joseph Caruana mar flimkien mal-konvenuti fl-uffiċċju tal-Avukat tagħhom, Dr. Ruth Scott, fejn iffirma l-ftehim impunjat f'din il-kawża, redatt mill-istess Avukat u li permezz tagħha huwa aċċetta *inter alia* li jħallas is-somma ta' €2,522 bħala sehmu mit-trasport u magazzinaġġ tal-għamara dovut lil William Transport & Removal Services u jiġbor l-għamara assenjata lilu mill-garaxx fejn kien qed jiġi stivat.

In segwitu, l-istess attur Joseph Caruana flimkien ma' ħuh Frank Caruana marru fl-uffiċċju fejn qabel kien ipoġġi l-avukat tagħhom, Dr. Gianfranco Gauci, fejn sabu lil Dr. Mark Attard Montalto. Fuq inkarigu tagħhom, fl-10 ta' Settembru 2014, huwa kiteb lil Dr. Ruth Scott għan-nom ta' Vincent Caruana u għarrafha "*my clients were not aware of these items being submitted in storage...*"

Joseph Caruana u Francis Caruana għamlu kuntatt ma' Jonathan Farrugia u insistew li jaraw fejn kienu qed jinzammu l-mobbli in kwistjoni. Eventwalment, il-partijiet kollha marru fil-maħżen fejn kienet qed tiġi stivata l-għamara u l-attur flimkien ma' ħuh Francis Caruana ġibdu ritratti tal-istess għamara.

Fis-26 ta' Settembru 2014, Joseph Caruana għarraf lill-konvenut Vincent Caruana permezz ta' ittra uffiċjali bin-numru 3012/2014, li m'huwiex interessat fl-għamara u l-effetti assenjati lilu u li jinsabu fil-pussess tiegħu u li jista' jiddisponi minn sehmu liberament. Għarrfu wkoll li kien qed iqis l-iskrittura tat-3 ta' Settembru 2014 bħala null u invalidu għaliex iffirma dan il-ftehim taħt l-effett ta' żball. (Dok. VC21).

Permezz ta' ittra datata 22 ta' Ottubru 2014, Vincent Caruana wieġeb għal din l-ittra uffiċjali fejn għarraf li huwa kien qiegħed preżenzjalment jinforma lid-ditta tal-magazzinar li qed iżomm il-mobbli biex jiddisponu minnhom skont l-istruzzjonijiet lilu mogħtija u għarraf ukoll illi kien qiegħed f'kull każ iżomm lil ħutu responsabbli għall-ispejjeż tal-ġarr u magazzinar (Dok. VC23).

Permezz ta' ittra uffiċjali li ġiet spedita fil-15 ta' Settembru 2016 bin-numru 3041/2016, l-attur Joseph Caruana interpella lil Vincent Caruana biex jersaq għar-rexxissjoni tal-iskrittura tat-3 ta' Settembru 2014 (Dok. 24). Din l-istess interpellazzjoni ġiet ribadita permezz ta' ittra uffiċjali li ntbagħtet fil-11 ta' Settembru 2018 (Dok. VC31).

Permezz ta' ittra uffiċjali datata 1 ta' Ottubru 2018 (Dok. VC33), Jonathan Vella għan-nom tad-ditta William Transport and Removal Services u Frank Paul Sammut interpellaw lil Vincent Caruana għall-ħlas tal-ammont ta' €5,044 rappreżentanti ħlas ta' ġarr ta' għamara mill-fond bl-indirizz Flat 6, Block 1, Scheme 3, Paola Hill, Paola, u magazzinar tal-istess bejn l-1 ta' Marzu 2010 u 3 ta' Settembru 2014.

Fis-16 ta' Ottubru 2018 Vincent Caruana ħallas l-ammont reklamat għall-ġarr u magazzinaġġ tal-għamara[8] filwaqt li istitwixxa kawża Rikors Numru 16/2019 fl-ismijiet Vincent Caruana v. Francis sive Frank Caruana u Joseph Caruana, għar-rifużjoni ta' l-ammont ta' €5,044 li huwa ħallas għall-ġar u magazzinar tal-għamara tagħhom bejn l-1 ta' Marzu 2010 u 3 ta' Settembru 2014, liema kawża ġiet mismugħa flimkien ma' din il-kawża odjerna permezz tad-digriet mogħti fid-19 ta' Mejju 2020..

Ikkunsidrat;

Illi għad-determinazzjoni tal-vertenza li għandha quddiemha l-Qorti, jeħtieġ issir evalwazzjoni bir-reqqa tal-verzjonijiet tal-partijiet u tal-provi u x-xiehda fl-atti proċesswali.

**L-attur, Joseph Caruana** xehed[9] illi skont il-pjan tal-qsim li kien ġie mħejji mill-Perit Godwin Abela, maħtur bis-sentenza tat-12 ta' Ottubru 2007, lilu u lil ħuh Frank Caruana messhom għamara mill-wirt ta' ommhom fil-valur ta' Lm231 kull wieħed rapprezentanti sehem ta' wieħed minn sitta. Għalkemm l-avukat tiegħu u ta' ħuh Frank, Dr. Gianfranco Gauci, kien kiteb lil Dr. Ruth Scott fit-28 ta' Mejju 2009 fejn indikalha l-mobbli magħżula minnhom, bagħtet lura li Vincent Caruana kien ser imexxi bit-tlugħ tal-poloz. Dan seħħ f'seduta l-Qorti quddiem il-Perit Godwin Abela u sussegwentement, fil-11 ta' Diċembru 2009 l-istess Perit kitiblu (Dok. JC4[10]) ittra fejn avżah li jekk mhux ser jiġbor il-porzjoni li messet lilu mill-għamara, "*dawn ser jiġi disposti definittivament minn terzi*". Peress li rah stramb li l-Perit tal-Qorti seta'

[8] Vide ftehim Dok. VC34, u cheque u riċevuta Dok. JV3, paġna 247 tal-atti tal-kawża.
[9] Affidavit 11 ta' Ġunju 2021.
[10] Paġna 97 tal-att tal-kawża.

kien jaf li kien għadu ma ġabarx l-għamara mingħand ħuh, hu assuma li kien Vincent Caruana li kien qabbad lill-Perit jiktiblu l-ittra u għalhekk iddeċieda li jħallih jarmi l-affarijiet.

Għaddew numru ta' snin u ħadd ma kkuntattjah. Reġa' għamel ħbieb ma' ħuh Vincent meta ġie lura mil-Libja fl-2011 u għalkemm damu tliet snin u nofs b'relazzjoni tajba, Vincent qatt ma semmielu xejn dwar l-għamara, la li kien remiha u lanqas li kien poġġiha fi *storage* u li kien hemm spejjeż telgħin. L-ewwel darba li sar jaf li l-għamara kienet qed tinżamm fi *storage* kien meta Vincent urih ittra li kien irċieva mingħand Dr. Ruth Scott datata 22 ta' Awwissu 2014. Għalkemm kien jidher li din l-ittra kienet intbagħtet ukoll lilu, ma kienx irċeviha għaliex l-indirizz fejn intbagħtet kien l-indirizz l-antik tiegħu. Meta staqsa lil Vincent għaliex ma kienx rema l-għamara, wieġbu li kienet l-Avukat tiegħu li kienet qaltlu biex minflok jarmiha, jitfagħha *storage*.

Fit-3 ta' Settembru 2014 mar flimkien ma' martu u ma' Vincent u martu, għand Dr. Ruth Scott fejn qalilha li għalih, l-għamara kienet mormija. Hu xehed hekk:-

"***Hi weġbitni li ma setawx jarmuha u ġiet storjata bl-ordni tal-Qorti. Jien meta smajt dan il-kliem lanqas għaddieli minn moħħi li niddubita l-kelma ta' avukat.*** *Jien dakinhar ma kontx akkumpanjat minn avukat u Dr. Ruth Scott fl-ebda ħin ma qaltli biex nieħu parir mingħand l-avukat tiegħi u fuq talba ta' Vince bdiet tittajpja skrittura fuq il-kompjuter. ... Dr. Scott qalet ukoll 'Ħalli neħilsu din ta' l-għamara u li jkun fadal id-diviżjoni tal-kontijiet bankarji' ...* ***Billi Dr. Scott kienet qed tgħid illi Vince għamel kollox skont l-ordni tal-Qorti jien aċċettajt li niffirma.*** *Jiena ngħid li mhuwiex minnu li jien offrejt xi cheque u ngħid illi lanqas kelli cheque-book miegħi."*

Joseph Caruana xehed ukoll illi Dr. Scott dakinhar semmiet lil Dr Gianfranco Gauci biss meta qalet li kienet bagħtitlu *email* u ittra li l-għamara kienet ser titpoġġa f'magazzinaġġ. Iżda hu qatt ma rċieva xejn u qalilha li kien ilu ħafna snin ma jara lil Dr. Gauci u ċaħad li qalilha f'xi ħin li ma riedx jikkonsulta ma' avukat. Insista wkoll

li huwa kien mar għand Dr. Scott biex jaraw għalfejn l-għamara ma ġietx mormija u għalhekk ma kienx preparat iħallas. Meta l-għada tkellem ma' ħuh Frank, qallu li kien daħal għand Dr. Scott warajhom, fejn qaltlu li l-għamara kienet ġiet storjata skont l-ordni tal-Qorti iżda meta talabha u insista biex jara l-ordni tal-Qorti, ammettiet miegħu li din kienet deċiżjoni ta' Vincent u mhux tal-Qorti. Joseph Caruana xehed hekk fir-rigward: "*Jiena f'dan il-punt bdejt inħoss li l-kliem ta' Dr. Scott, li jiena kont qgħadt fuqha meta ffirmajt, kien qed idur.*"

Meta mar ikellem lil Jonathan Farrugia ta' William Transport & Removal Services fl-4 ta' Settembru 2014 flimkien ma' martu, ħuh Frank u martu Doris, qalilhom li kien qed iżomm l-għamara "*senza interessi*" bi pjaċir lil Vince. Fil-fatt, hu jaf li ħuh Vincent kien ħbieb ħafna mal-familja ta' Jonathan Farrugia u kien għamel żmien jaħdem magħhom meta kienu joperaw id-ditta bl-isem Saltfish. Imbagħad sar jaf li kuntrarjament għal dak li kien qallu Jonathan Farrugia, l-għamara ma kienetx qed tinżamm ġewwa maħżen in-Naxxar iżda f'garaxx ta' villa privata fl-Iklin u meta marru jarawha, raw li l-għamara kienet fi stat ħażin ħafna, kollha ksur u trab u grif, ħlief għal mera twila.

Meta Joseph Caruana xehed in subizzjoni[11], insista illi huwa ġie żgwidat minn Dr. Ruth Scott għaliex meta mar għandha flimkien ma' ħuh Vincent Caruana, hi kienet qaltlu li l-għamara tpoġġiet fi *storage* skont l-ordni tal-Qorti. Qal ukoll li għalkemm ma ġiex imġiegħel biex jiffirma l-iskrittura fit-3 ta' Settembru 2014, huwa ffirmaha għaliex l-Avukat Scott kienet qaltlu biex jagħmel hekk. Stqarr illi dakinhar quddiem l-Avukat huwa kien offra li jħallas biss għaliex hija qaltlu li l-mobbli kienu mitfugħin f'magazzinaġġ skont l-ordni tal-Qorti, iżda ċaħad li ħareġ *cheque book* u ried iħallas dak il-ħin u insista li ma kellu *cheque book* fuqu u l-uniku *cheque book* li ra dak il-ħin kien ta' ħuh Vincent Caruana u martu meta ġew biex iħallsu lill-Avukat tagħhom.

Joseph Caruana xehed ukoll li dak iż-żmien kien ilu xi erba' snin ma jara lil Dr. Gianfranco Gauci iżda mhux minnu li huwa qatt qal li ma kienx għadu jagħmel użu

[11] Xhieda tas-16 ta' Jannar 2020.

mis-servizzi tiegħu. Fil-fatt, meta kien mar ifittex lil Dr. Gianfranco Gauci wara l-laqgħa fl-uffiċju ta' Dr. Ruth Scott, huwa kien sab lil Dr. Mark Attard Montalto u l-*email* li ntbagħat minn dan l-Avukat lil Dr. Ruth Scott fl-10 ta' Settembru 2014[12] intbagħat fuq inkarigu tiegħu.

**Francis sive Frank Caruana** xehed[13] illi huwa ma kienx preżenti meta ttellgħu il-poloz tal-ishma tal-għamara tal-wirt ta' ommu, quddiem il-Perit f'Novembru 2009 għaliex ma kienx interessat iżjed fl-għamara. Dr. Gianfranco Gauci, l-avukat tiegħu li kien irrappreżentah dakinhar, ma kienx ikkomunika miegħu wara s-seduta biex jgħarrfu x'kien messu mill-għamara għaliex kien qallu li ma kienx interessa fl-għamara. Meta rċieva l-ittra mingħand il-Perit Godwin Abela f'Diċembru 2009 li jew jinġabru l-affarijiet jew inkella jiġi disposti definittivament, kien mingħalih li l-affarijiet intremew.

Meta rċieva ittra datata 22 ta' Settembru 2014 mingħand Dr. Ruth Scott, indirizzata lilu u lil ħutu Joseph Caruana u Vincent Caruana, fejn talbithom jagħmlu kuntatt magħha biex jingħalqu l-pendenzi ta' bejniethom, kien kellmu ħuh Joseph li dak iż-żmien kien għamel ħbieb ma' ħuthom Vincent, u ftiehmu li jmorru jkellmu lil Dr. Scott. Peress li Joseph qallu li kien sejjer ikellimha flimkien ma' Vincent, u hu ma riedx jiltaqa' jew jitkellem ma' Vincent, stenna barra fit-triq u daħal fl-uffiċċju tagħha biss wara li ra lil Vincent, martu Rita, Joe u martu Doris ħerġin. Hemmhekk hu daħal ma' martu u stennew fil-kju u daħlu meta kien imisshom. Kif daħlu hu staqsa lil Dr. Scott min kien il-persuna li ordna li l-għamara tiġi storjata minflok ma ġew mormija skont kif kien avżah il-Perit Godwn Abela, u jekk kienx ingħata permess mill-Qorti biex isir dan il-magazzinaġġ. Xehed hekk:-

"*Għall-bidu qaltli li sar kollox skont l-ordni tal-Qorti. Jien tlabtha kopja ta' din l-ordni. Imbagħad bidlet id-diskors u qaltli li qabel ma ġew storjati l-affarijiet kitbet lil*

---

[12] Dok. VC20, folio 53.

[13] Xhieda in kontro-eżami 2 ta' Ġunju 2022.

*Dr. Gianfranco Gauci u li kien nuqqas tiegħu li ma avżanix. Jiena weġbitha li kont ilni ma nkellem lil Dr. Gauci erba' snin minn meta ntaqtgħet il-kawża....*"

Insista wkoll illi qabel Dr. Scott dejjem kienet tikteb lilu u lil ħuh Joseph direttament u kienu jmorru bl-ittri tagħha għand Dr. Gianfranco Gauci.

Kompla jixhed:-

"*Meta insistejt li nara l-ordni tal-Qorti u baqgħet ma weġibtnix, jiena għidtilha li jekk m'hemmx ordni tal-Qorti, jew kienet hi li ddeċidiet li l-affarijiet jiġu storjati, jew kienet deċiżjoni ta' Vince ... F'dan il-punt beżqitha u qalet li kienet deċiżjoni ta' Vince*".

Frank Caruana sostna li din id-deċiżjoni biex il-mobbli jitpoġġew fi *storage* kien ħadha ħuh Vincent biex itella' l-ispejjeż tal-kera li jkollhom iħallsu hu u Joseph u biex b'hekk, inaqqas l-ammont dovut lilhom bħala leġittima li kienet għadha ma tħallsitx lilhom minn Vincent Caruana u martu.

Xehed ukoll illi meta sar jaf mingħand ħuh Joseph illi l-mobbli kienu qed jinżammu għand id-ditta William Transport, li s-sidien tagħha jaf li huma ħbieb ta' ħuh Vincent u kien għamel żmien jaħdem magħhom, huwa għamel kuntatt ma' Jonathan Farrugia u wara ħafna tentattivi, irnexxielu jagħmel appuntament biex jara l-għamara. Dan għamlu għaliex peress li kien qed jiġi mitlub iħallas *storage* rent, ried jaċċerta ruħu li hu minnu li l-għamara kienet qiegħda effettivament tinżamm fi *storage*[14]. Sar jaf li l-għamara kienet qed tiġi storjata mhux ġo maħżen iżda f'garaxx ta' villa privata fl-Iklin. Din il-villa huwa sar jaf li hija ta' missier Jonathan Farrugia, William u Jonthan Farrugia kien qallu li qed iżomm l-affarijiet bi pjaċir lil Vincent, "*senza interessi*".

**Maria Concetta Caruana**, mart Frank Caruana, ikkonfermat il-fatti saljenti fl-Affidavit ta' żewġha u xehdet ukoll li marret flimkien ma' żewġha fl-uffiċċju ta' Dr.

[14] Xhieda in kontro-eżami ta' Frank Caruana, 2 ta' Ġunju 2022.

Ruth Scott fejn kien hemm Vincent Caruana u martu kif ukoll Joseph Caruana u martu iżda huma ddeċidew li jistennew barra u daħlu biss meta ħarġu l-oħrajn. Kif daħlu għand l-Avukat, Frank staqsiha min kienet il-persuna li ordnat li tiġi storjata l-għamara u l-avukat għall-bidu qalet li kollox sar skont l-ordni tal-Qorti. Iżda meta żewġha baqa' jinsisti li jara kopja ta' din l-ordni, l-avukat bidlet il-verżjoni u qalet li qabel tpoġġew f'magazinaġġ kienet kitbet lil Dr. Gianfranco Gauci u kien nuqqas tiegħu li ma kienx avżahom. Meta żewġha baqa' jinsisti li jara l-ordni tal-Qorti, l-Avukat ma weġbitux u fl-aħħar qaltlu "*Frank mur ħallas lil Vince ħalli tiħbru fluskom*", b'referenza għal-leġititma li kienet għadha ma tħallsitx lilhom.

**Dr. Ruth Scott** xehdet illi fit-3 ta' Settembru 2014, mar fl-uffiċċju tagħha Vincent Caruana flimkien ma' martu Rita u ma' ħuh Joseph Caruana u martu. Vincent Caruana kien għarrafha minn qabel li huwa kien irranġa r-relazzjoni tiegħu mal-imsemmi ħuh u li huwa ried ukoll iħallas l-ammont dovut minnu. Hi spjegatlu x'kien hemm pendenti dwar il-ġarr u l-i*storage* tal-għamara u Joseph Caruana kellu xi kalkoli lesti miktuba li kienu dettaljati. Hu talabha jara l-korrispondenza li kienet skambjat mal-Avukat Gianfranco Gauci dwar l-għamara li tpoġġiet in *storage* u qalilha ma kienx għadu juża s-servizzi tiegħu. Sabet l-ittra li kienet bagħtet lil Dr. Gianfranco Gauci fis-27 ta' April 2010 u pprintjat kopja ta' din l-ittra u tatha lil Joseph Caruana iżda ma tiftakarx il-kliem preċiż li kienet qaltlu. Ikkonfermat ukoll illi Joseph Caruana qabel mal-ammonti dovuti lil William Transport u ried jgħaddilha *cheque* dak il-ħin stess iżda kienet qaltlu li ma setgħetx tiġbor il-pagament hija stess u kellu jħallas lil William Transport direttament. Għalhekk ippreparat skrittura dak il-ħin (Dok. VC18), qrathielhom u ffirmawha Joseph Caruana, Vincent Caruana u Rita Caruana. Tiċħad li f'xi ħin kien hemm xi pressjoni biex Joseph Caruana jiffirma l-iskrittura u ssostni li hu kien insista li jħallas sehmu dak il-ħin biex jeħles mill-kwistjoni. Huma baqgħu li Vincent Caruana kellu jċempel lil William Transport biex joħroġ invoice separat lil Joseph Caruana biex hu jħallas sehmu.

Dr. Ruth Scott xehdet ukoll li għalkemm tiftakar li kien ġie l-uffiċċju tagħha Frank Caruana u ma riedx iħallas, m'hijiex ċerta jekk kienx ġie fl-istess ġurnata meta Joseph

Caruana kien iffirma l-iskrittura, jew f'ġurnata oħra. Ikkonfermat iżda li Joseph Caruana u Frank Caruana t-tnejn kienu rrabjati għaliex qalu li Dr Gianfranco Gauci qatt ma kien kellimhom wara li rċieva l-ittra tagħha tas-27 ta' April 2010 "*għaliex kieku kienu jiċċaqalqu*". Insistiet ukoll li l-klient tagħha, Vincent Caruana, ma kienx rema l-għamara għalkemm kien awtorizzat jiddisponi minnha bid-digriet tat-28 ta' Mejju 2009, u dan għaliex kien għadu fi trattattivi ma' ħutu dwar kwistjonijiet oħrajn u kien hemm diffikoltajiet kbar bejniethom u għalhekk ma riedx jesponi ruħu għad-danni f'każ li l-mobbli jintremew iżda jirriżulta li setgħu kellhom valur ta' antikita'.

**Din l-istess verżjoni identika tinsab fix-xhieda ta' Vincent Caruana u fix-xhieda ta' martu Rita Caruana li t-tnejn affermaw illi ħadd ma għamel ebda pressjoni lil Joseph Caruana biex jiffirma l-iskrittura tat-3 ta' Settembru 2014 u ħadd ma ġiegħlu jiffirmah, tant illi huwa kien ġie preparat bil-konteġġi tiegħu ta' dak li kien dovut minnu.**

**Rita Caruana**, meta xehdet in kontro-eżami, affermat[15] illi Dr. Ruth Scott, waqt il-laqgħa li kellhom fl-uffiċċju tagħha fejn kien preżenti magħhom Joseph Caruana, kienet qalet lil Joseph Caruana li l-għamara kienet tpoġġiet fi *storage* u li hu kien obbligat iħallas sehmu minn dawn l-ispejjeż. Insistiet ukoll li Joseph Caruana kien determinat li jħallas l-ispejjeż tal-magazzinaġġ u ħadd ma sfurzah. Xehdet ukoll li martu kellha *cheque-book* u riedu jħallu *cheque* biex iħallsu sehemhom ta' dawn l-ispejjeż, ma' Dr. Ruth Scott.

Ikkunsidrat;

Illi stabbiliti l-fatti prinċipali u identifikati l-punti saljenti tal-verżjonijiet tal-partijiet kif joħorġu mix-xhieda u l-provi proċesswali, il-Qorti sejra tgħaddi biex tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet preliminari.

---

[15] "*Mhux hek hux*", xhieda ta' Rita Caruana tas-17 ta' Frar 2022, paġna 250 tal-atti tal-kawża.

Hija l-fehma tal-Qorti li l-konvenut ma kienx awtorizzat jiddepożita l-mobbli ta' ħutu fil-kustodja ta' terzi persuni. Jekk kien awtorizzat jieħu xi azzjoni fir-rigward tal-mobbli assenjati lil ħutu, dan kien li jiddisponi minn dawn il-mobbli, kif awtorizzat bid-digriet tat-28 ta' Mejju 2009 u mhux li jiddepożitahom fil-pussess ta' terzi persuni, wisq anqas jorbot lil ħutu b'obbligazzjoni ta' indennizz tal-ħlas ta' kera ġornaliera għall-ħażna tal-mobbli tagħhom, kera li qatt ma ġiet approvata jew stabbilita mill-Qorti[16]. L-imsemmi digriet tat-28 ta' Mejju 2009 ma jiswiex bħala ordni jew awtorizzazzjoni għall-magazzinaġġ indefinittiv tal-mobbli assenjati lil Joseph Caruana u Francis Caruana bl-obbligu li jħallsu l-ispejjeż tal-istess magazzinaġġ.

Fil-fatt, hija l-fehma assodata tal-Qorti li l-attur qatt ma ġie awtorizzat jieħu ebda miżura li tinvolvi ħlas ta' spejjeż fir-rigward tal-mobbli spettanti lil ħutu mill-wirt ta' ommhom, għajr li "*jiddisponi*" minnhom a spejjeż tal-istess ħutu[17] jekk dawn jibqgħu ma jinġabrux mill-fond fejn kienu jinsabu ġewwa Raħal Ġdid. Għall-Qorti it-tifsira ordinarja tal-kelma "*jiddisponi*" ("*to dispose of*") fil-qafas tal-materja taħt konsiderazzjoni ma tistax tiġġebbed biex raġjonevolment tinkludi d-depożitu tal-mobbli f'post ta' kustodja bi ħlas ta' kera ġornaliera bi ħlas ta' kera ġornaliera: miżuri li jmorru lil hinn mis-sempliċi tneħħija, ġarr u rimi tal-mobbli għaliex inisslu obbligu konsistenti fil-ħlas ta' prezz ġornalier u kwindi mhux kwantifikabbli *a priori,* ġaladarba ma kienx kiseb awtorizzazzjoni *ad hoc* mill-istess Qorti li pprovidiet dwar il-qsim u l-ġbir tal-istess mobbli.

Il-Qorti fliet ix-xhieda u l-provi u tqis li dawn juru wkoll, b'mod inkonfutabbli, illi Vincent Caruana għadda biex għamel waħdu arranġamenti ma' terzi persuni għall-istivar tal-għamara ta' ħutu mhux biss mingħajr ma kien awtorizzat, iżda wkoll mingħajr għarrafhom b'mod siewi, la preventivament u lanqas tempestivament, bil-fatt tal-istivar u bl-ispejjeż relattivi. Fil-fatt, il-konvenut naqas milli jassigura li ħutu

[16] Hawnhekk jiġi osservat li għalkemm huwa minnu li l-attur kien awtorizzat jiddisponi mill-mobbli, il-Qorti fid-digriet tat-28 ta' Mejju 2009 ma kienetx iffissat iż-żmien li għalih kien obbligat iżomm il-mobbli qabel jgħaddi biex jiddisponi minnhom.
[17] Digriet tat-28 ta' Mejju 2009.

jiġu personalment mgħarrfa bil-fatt tal-magazzinaġġ u l-ispejjeż relattivi u minflok, serraħ biss fuq *email* u ittra mibgħuta mill-avukat tiegħu mhux direttament lil ħutu personalment, iżda lill-avukat li kien deher għalihom fil-kwistjoni sa ftit xhur qabel. Korrispondenza li mhux kontestat illi qatt ma ġiet imwieġba bl-ebda mod.

Wara li qieset bir-reqqa l-provi, il-Qorti hi sodisfatta wkoll li Joseph Caruana u Vincent Caruana saru jafu personalment b'dan kollu ċioe' erba' snin u nofs wara li l-għamara tpoġġiet f'magazzinaġġ. Fil-fatt, l-ewwel korrispondenza li ntbagħtet direttament lill-konvenuti personalment in konnessjoni mal-ġarr u magazzinar tal-mobbli u l-ispejjeż relattivi, kienet l-ittra li bagħtet l-Avukat Ruth Scott fit-22 ta' Awwissu 2014 - meta l-mobbli kienu ilhom jinżammu fil-garaxx ta' Frank Paul Sammut kważi erba' snin u nofs (Dok. VC17). Kif diġa' ngħad, il-komunikazzjonijiet preċedenti dwar il-materja tal-magazzinaġġ, erba' snin qabel, kienu saru mal-avukat tal-konvenuti[18] mingħajr lanqas kienu kkuppjati fil-korrispondenza relattiva.

B'żieda ma' dan, il-Qorti tagħmel referenza ampja wkoll għall-konsiderazzjonijiet li għamlet f'din l-istess vena fis-sentenza mogħtija kontestwalment fil-kawza Rikors Numru 16/2019 fl-ismijiet **Vincent Caruana v. Francis sive Frank Caruana et**. liema kawza qed tiġi mismugħa flimkien mal-kawża odjerna a tenur tal-Artiklu 793(1) tal-Kap. 12.

Ikkunsidrat;

L-Artikolu 974 tal-Kodiċi Ċivili jitkellem dwar il-kunsens meħtieġ biex inissel obbligazzjoni u jgħid li jekk il-kunsens fuq kuntratt ikun ġie mogħti bi żball, jew meħud bi vjolenza, jew b'għemil doluż, ma jkunx jiswa.

Dwar l-« *iżball* », l-Artikolu 976 tal-Kodiċi Ċivili jgħid hekk:-

[18] Dok. VC13, email tad-29 ta' Marzu 2010 u Dok. VC16, ittra ta' April 2010 – paġni 48 u 49 tal-atti tal-kawża.

*(1) L-iżball dwar il-fatt ma jġibx in-nullità tal-kuntratt ħlief meta jaqa' fuq is-sustanza nfisha tal-ħaġa li tkun l-oġġett tal-ftehim.*

Dwar ir-rekwiżit li l-iżball irid jaqa' fuq is-sustanza nnifsiha tal-ħaġa li tkun l-oġġett tal-ftehim, fis-sentenza **Godfrey Aquilina nomine vs Sebastian Galea** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-7 ta' Diċembru 1995, intqal hekk:

"*Biex iwassal għan-nullita' tal-ftehim għax iħassar il-kunsens, l-izball irid jaqa' fuq kwalita' tal-ħaġa li kellhom f'moħħom il-partijiet, jew, għallinqas, li kellha f'moħħha waħda mill-partijiet, u li mingħajrha, ma kinux jaslu għall-ftehim, jew dik il-parti li kienet fi żball ma kinitx tagħti l-kunsens tagħha.*"

Fis-sentenza mogħtija fil-kawża **Prokuratur Legali Joseph Zammit noe vs Joseph Fenech et**, tal-4 ta' Marzu 2004, dan ir-rekwiżit ġie mfisser mill-istess Qorti b'dan il-mod:

"*Għar-rigward ta' l-allegat żball ta' fatt, l-artikolu 976 (1) tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi li "L-iżball dwar il-fatt ma jġibx in-nullita' tal-kuntratt ħlief meta jaqa' fuq is-sustanza nfisha tal-ħaġa li tkun l-oġġett tal-ftehim". Skond il-ġurisprudenza, l-**iżball fuq is-sustanza għandu jkun determinanti, soġġettiv, unilaterali u fuq kollox, skuzabbli**.*" (emfasi ta' din il-Qorti)

Fis-sentenza **Avv. Dr Giuseppe Agius noe v. F.S. Vassallo et noe**[19], il-Qorti tal-Appell qalet:-

"*... Sono varie le opinioni intorno a che cosa si debba intendere per 'sostanza' si nella dottrina francese che nella dottrina italiana; ma il Giorgi, seguendo la teoria piu' plausibile e piu' largamente accettata, ritiene al Vol. IV Teoria delle Obbligazioni, numero marginale 31, che il criterio sottinteso dal legislatore sul*

---

[19] Vol. XXIV.i.1134. Ċitata fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-17 ta' Lulju, 1945 fl-ismijiet **Joseph Navarro vs Michael Pizzuto** (Vol. XXXII.ii.157).

*significato della parola 'sostanza' e' interamente subbiettivo vale a dire, **un criterio tutto relativo al modo con cui veniva considerato l'oggetto della convenzione dal contraente che si e' ngannato***". (emfasi ta' din il-Qorti)

Fl-iskrittura privata li ġiet iffirmata mill-partijiet fit-3 ta' Settembru 2014 fl-uffiċċju tal-Avukat Ruth Scott, l-attur Joseph Caruana intrabat:-

"*... li huwa ser jiġbor l-għamara assenjata lilu fil-jiem li ġejjin. Inoltre l-komparenti Joseph Caruana jobbliga ruħu malli jiġbor l-istess għamara jissalda l-ħlas dovut minnu sal-lum 3 ta' Settembru 2014 lil William Transport & Removal Services, ossia s-somma globali ta' €2522 rappreżentanti in kwantu għal €50 bħala nofs l-ispejjeż tal-ġarr u s-somma ta' €2472 rappreżentanti nofs l-istorage fees tal-għamara.*"

L-attur talab ir-rexxissjoni tal-imsemmija skrittura privata minħabba minħabba allegat żball ta' fatt peress li huwa ffirma dik l-iskrittura fuq l-assigurazzjoni tal-Avukat ta' ħuh li kien hemm ordni tal-Qorti li huwa obbligat iħallas sehem mill-ispejjeż għall-i*storage* tal-mobbli tiegħu.

Applikat dawn il-prinċipji legali kif imfissrin fil-ġurisprudenza in materja, il-Qorti għalhekk trid tiddetermina jekk dan l-iżball kienx dwar is-sostanza tal-ħaġa oġġett tal-ftehim.

Ġie sottomess mill-abbli avukat tal-konvenuti illi jekk kien hemm żball da parti ta' Joseph Caruana dwar l-obbligu tiegħu għall-ħlas tal-ispejjeż tal-magazzinaġġ, dan ma setax kien wieħed determinanti għaliex huwa kien mar għand Dr. Ruth Scott diġa' lest u determinat li jħallas l-ispejjeż għall-ġarr u magazzinaġġ tal-għamara, tant illi ħareġ konteġġi dettaljati kif ukoll *cheque book* biex iħallas dak il-ħin.

Il-Qorti tibda biex tosserva illi anke jekk għal mument kellu jiġi aċċettat li l-attur Joseph Caruana mar għal-laqgħa tat-3 ta' Settembru 2014 diġa' lest iħallas sehmu tal-ispejjeż tal-ġarr u l-magazzinaġġ tal-mobbli, dan ma jfissirx illi ma setax kien taħt l-

effett ta' żball meta ffirma l-iskrittura fejn obbliga ruħu jħallas l-ispejjez relattivi. Il-Qorti tqis illi jekk l-attur fehem li kellu jħallas xi spejjeż għall-magazzinaġġ tal-mobbli u mar għal-laqgħa b'turija li kien dispost jagħmel dan il-ħlas, din il-fehma setgħet ġiet imsawra biss abbażi tal-informazzjoni li ngħatatlu fl-ittra tat-22 ta' Awwissu 2014 fejn ġie mgħarraf li l-għamara kienet tpoġġiet fi *storage* u li kien hemm spejjeż dovuti għall-ġarr u l-magazzinaġġ, u wkoll għaliex ġie mgħarraf li dan kien sar skont ordni mogħti mill-Qorti.

Fir-rigward, l-attur xehed, inkontradett, li meta ħuh Vincent urieh l-ittra ta' Dr. Ruth Scott tat-22 ta' Awwissu 2014, kien staqsih għaliex l-għamara ma kienetx ġiet mormija, Vincent wieġbu li kienet qaltlu l-avukat tiegħu stess biex l-għamara titpoġġa fi *storage* u kien proprju għalhekk li iddeċidew li jmorru jkellmuha flimkien. Vincent Caruana ma fissirx, fix-xhieda tiegħu, ir-raġuni l-għala huma kienu ddeċidew li jmorru għand l-avukat tiegħu u m'hemm xejn fl-atti u fix-xhieda li tipperswadi lill-Qorti li għandha tiddubita mill-veraċita' tal-verżjoni ta' Joseph Caruana meta xehed li huwa mar għand Dr. Ruth Scott flimkien ma' ħuh mhux speċifikatament biex iħallas il-kontijet iżida biex jara r-raġuni l-għala l-għamara minflok intremiet, ġiet stivata f'magazzinaġġ bi ħlas. Temmen illi bħala fatt, Joseph Caruana mar għand l-Avukat ta' ħuh għaliex kienet bagħtet għalih hija stess permezz ta' ittra datata 22 ta' Awwissu 2014 sabiex "*jingħalqu l-pendenzi*". Fuq kollox, fehmet illi Joseph Caruana ddeċieda biex imur flimkien ma' ħuh Vincent għand l-Avukat għaliex ried ikun jaf kif il-mobbli spiċċaw depożitati fi *storage* meta hu kien taħt l-impressjoni li dawn kienu ntremew.

Għalhekk, il-Qorti, filwaqt li ma temminx il-verżjoni mtennija mix-xhieda kollha tal-attur li b'emfasi ripettitiva xejn konvinċenti, saħqu kif Joseph Caruana kien "*determinat*" u "*konvint*" li jħallas sehmu tal-ispejjez, ġie preparat b'konteġġi dettaljati bil-ġurnata kompriż tal-*leap year* u ħareġ *cheque-book* biex iħallas, fi kwalsiasi każ ma ssib xejn tiċċensura fil-fatt li Joseph Caruana seta' mill-ewwel wera ruħu dispost jiffirma l-iskrittura li ħejjiet l-avukat u jħallas sehmu tal-ispejjeż tal-magazzinaġġ mingħajr ħadd ma sfurzah, għaliex f'dan kollu – kif sejjer jingħad iktar

‘il quddiem - huwa mexa fuq tagħrif, del resto żbaljata, li kien obbligat għall-ħlas ta’ xi sehem mill-ispejjeż għall-ġarr u magazinaġġ tal-għamara.

F’kull każ u kuntrarjament għal dak li ġie sottomess fin-nota ta’ sottomissjonijiet tal-atturi, il-Qorti m’hijiex sodisfatta li Joseph Caruana iddeċieda waħdu u mingħajr ma kien armat b’ebda tagħrif ieħor, li jintrabat għall-ħlas tal-ispejjeż tal-magazzinaġġ u tqis li l-provi juru b’mod konklussiv illi kieku Joseph Caruana kien jaf li fil-verita’ ma kien hemm ebda ordni tal-Qorti biex iħallas tal-ispejjeż tal-magazzinaġġ, ma kienx jiffirma l-ftehim u jintrabat iħallas dawn l-ispejjeż volontarjament. **Għall-Qorti mhux raġjonevoli l-ipotesi li persuna toffri tħallas somma ta’ iktar minn elfejn Euro fi spejjeż anke jekk taf li mhux obbligata tagħmel dan, wisq inqas fl-isfond tal-istorja ta’ diżgwid bejn l-aħwa minħabba kwistjonijiet marbutin sewwasew mal-wirt ta’ ommhom u missierhom u meta l-attur kien għadu qed jistenna mingħand il-konvenuti, il-ħlas tal-leġittima spettanti lilu**.

Għalhekk, mhux ippruvat sodisfaċjentement illi l-attur kien diġa’ deċiż li jħallas sehmu l-ispejjez minn qabel mar għand Dr. Ruth Scott, jew li ma kienx interessat mill-fatt li ma kienx obbligat legalment iħallas dawn l-ispejjeż u fir-rigward, il-Qorti tagħti affidabbilita’ lill-verżjoni tal-attur li huwa mar għand l-Avukat Dr Ruth Scott biex jara għaliex l-oġġetti kienu tpoġġew f’magażżinaġġ minflok ma ntremew u mhux speċifikatament biex iħallas, speċjalment meta kif stabbilit, huwa sar jaf għall-ewwel darba li l-għamara kienet ġiet stivata fil-kustodju ta’ terzi bil-kera, meta rċieva l-ittra ta’ Dr. Ruth Scott tat-22 ta’ Awwissu 2014.

Mill-atti ma jirriżultax li hemm kontestazzjoni li dak it-tip ta’ żball hu wkoll sostanzjali.

Hu evidenti mill-kumpless tax-xhieda illi l-attur iffirma l-iskrittura għaliex straħ b’mod sħiħ fuq l-assigurazzjoni li tatu dak il-ħin l-avukat ta’ ħuh li qaltlu li l-mobbli tpoġġew fi *storage* skont l-ordni tal-Qorti u abbażi ta’ din id-dikjarazzjoni ta’ avukat, huwa ssuppona li kien hemm ordni tal-Qorti li l-mobbli jitpoġġew f’magazzinaġġ u li

jrid jagħmel tajjeb għal sehmu tal-ispejjeż. Ordni li, kif diġa' stabbilit, qatt ma kien ingħata. Fil-fatt, il-konvenuta Rita Caruana, meta xehdet in kontro-eżami, affermat[20] illi waqt il-laqgħa li kellhom fl-uffiċċju tal-Avukat Dr. Ruth Scott, kienet qalet lil Joseph Caruana li l-għamara kienet tpoġġiet fi *storage* u li hu kien obbligat iħallas sehmu minn dawn l-ispejjeż.

Fir-rigward, fis-sentenza taghha tat-30 ta` Gunju 1947 fil-kawża **Psaila et vs Ciantar** il-Qorti tal-Appell qalet hekk[21]:–

"*Huwa necessarju illi l-izball ikun sostanzjali. Il-ligi taghna tghid illi l-izball ta` fatt ma jgibx in-nullita` tal-konvenzjoni jekk mhux meta jaqa` fis-sostanza tal-haga li tkun oggett. Mela f`dan il-kaz hemm bzonn illi kien hemm zball fis-sustanza, jew, kif tghid id-dottrina u l-ġurisprudenza, anki fil-"kwalita` sostanzjali" ta` dik il-haga. Il-Laurent, li jikkommenta disposizzjoni simili ghal taghna (art.1110 tal-Kodici Franciz) jiccita fuq din il-materja lil Pothier li jghid x`ghandhna nifhmu bi zball fis-sustanza. "L`errore annulla la convenzione, egli dice, quando cade sulla qualita` della cosa che le parti hanno avuto principalmente di mira e che forma la sostanza di questa cosa (ara Pothier. Des Obligations, n.18). L`errore sulla sostanza e` dunque un errore sulla qualita` ; ma non ogni errore sulla qualita` e` sostanziale ; bisogna che esso cada su di una qualita` principale, ed e` l`intenzione delle parti quella che decidera` se una qualita` e` o no principale ; bisogna vedere cio che hanno avuto di mira le parti contrattando. E` il caso di applicare il principio di Domat – `**Se le parti non avrebbero contrattato se avessero saputo che la cosa non aveva quella qualita` che esse le supponevano, l`errore sara` sostanziale e viziera` il consenso. Se per contrario, le parti avessero contrattato pur sapendo che la cosa non aveva quella tale qualita`, l`errore non viziera` il consenso e non annullera` il contratto** ... La questione e` dunque in sostanza una questione d`intenzione vale a dire che il Magistrato deve deciderela secondo le circostanze della causa` (Laurent, Diritto Civile, Vol.15, no.488). Din hija l-aktar teorija akkreditata u logika ghaliex min*

[20] "*Mhux hek hux*", xhieda ta' Rita Caruana tas-17 ta' Frar 2022, paġna 250 tal-atti tal-kawża.
[21] Ċitata fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

*ghandu jiggudika biex jara jekk il-kwalita` hijiex jew le sostanzjali ghandu necessarjament ihares u jindaga l-volonta` u l-intenzjoni tal-partijiet, ghaliex* ***certa kwalita` tista` tkun ta` importanza tant kbira ghal wiehed illi ried jaghmel l-operazzjoni minhabba fiha*** *mentri ghal wiehed iehor dik il-kwalita` tista` ma tkunx ta` l-ebda importanza, u kien imur ghall-kuntratt sew jekk dik il-kwalita` kienet hemm jew le. Ghalhekk il-kwistjoni hija kollha soggettiva.*" (emfasi ta' din il-Qorti)

Fil-fatt, il-Qorti ma tistax ma tosservax illi fl-iskrittura privata nnifisha, kif redatta mill-Avukat Ruth Scott, ġie premess espressament illi l-attur intrabat għall-ħlas tal-ispejjeż tal-magazzinaġġ abbażi tad-dikjarazzjonijiet preċedenti magħmula l-istess skrittura:-

"*Il-partijiet qed jersqu għal dan il-ftehim* ***biex jottemperaw rwieħhom in parti mad-deċiżjonijiet mogħtija mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla*** *fuq ċitati ...* ***Ai termini tas-sentenza 306/2003, il-partijiet iddikjaraw li:***

... ... ...

*3.* ***Il-porzjonijiet (tal-għamara) dovuti lil Joseph Caruana u Frank Caruana mill-imsemmija għamara jinsabu preżentament fi storage u dan b'effett mill-1 ta' Marzu 2010 bir-rata ta' €3 kuljum ta' storage*** *...*

***Illi għalhekk il-partijiet qegħdin jaqblu u jiftiehmu s-segwenti:-***

1. *Bil-prezenti ftehim, il-komparenti Joseph Caruana jiddikjara li huwa ser jiġbor l-għamara assenjata lilu fil-jiem li ġejjin. Inoltre l-komparenti Joseph Caruana jobbliga ruħu malli jiġbor l-istess għamara jissalda l-ħlas dovut minnu sal-lum 3 ta' Settembru 2014 lil William Transport & Removal Services ....*" (emfasi tal-Qorti)

Għall-Qorti dan kollu magħdud ma jħalli ebda dubju li l-iżball kien wieħed determinanti għaliex il-provi, senjatament l-iskrittura privata nnifisha, juru illi l-attur kien aċċetta li jassumi l-obbligu tal-ħlas għaliex Vincent Caruana u l-avukat tiegħu

tawh x'jifhem li kien obbligat b'ordni tal-Qorti għall-ħlas tal-ispejjeż tal-magazzinaġġ meta kif stabbilit, dan mhux minnu. Kuntrarjament għal dak stipolat fl-iskrittura privata li ġiet imħejjija mill-Avukat Dr. Ruth Scott, m'hemm ebda deċiżjoni mogħtija mill-Qorti fil-kawza Rikors 306/2003 li awtorizzat lill-konvenuti jpoġġu l-għamara fi *storage* bir-rata ta' €3 kuljum.

Imbagħad, l-argument tal-abbli avukat tal-konvenut Vincent Caruana fin-nota ta' sottomissjonijiet hu wkoll li l-iżball li ħa l-attur ma kienx 'skużabbli' u għaldaqstant ma kienx hemm bażi għar-rexxissjoni tal-kuntratt. Ġie sottomess illi kienet għażla tiegħu li ma jqabbadx avukat biex jassistih meta mar għand l-avukat ta' ħuh u konsegwentement, jekk kien hemm żball, dan seta' faċilment ġie verifikat għaliex xejn ma żammu milli jieħu parir qabel iffirma l-iskrittura. Iżda l-Qorti ma taqbilx: il-fatt li Joseph Caruana ma kienx assistit legalment ma jfissirx li huwa kien b'xi mod negliġenti jew li l-iżball m'huwiex skużabbli.

Joseph Caruana, li dak iż-żmien kien irranġa r-relazzjoni tiegħu ma' ħuh Vincent u kien ilu ma jkollu kuntatt mal-avukat tiegħu għall-aħħar erba' snin, poġġa l-fiduċja tiegħu fl-Avukat ta' ħuh u ħalla f'idejha tgħarrfu dwar l-obbligu tiegħu in materja. Il-fatt li ma kienetx l-avukat tiegħu iżda l-avukat magħżul minn ħuh, ma jbiddel xejn u ma jfissirx li kellu ma jafdahiex għaliex kif sewwa xehed l-istess Joseph Caruana, huwa ma kienx ser jiddubita mill-kelma ta' avukat. Il-Qorti taqbel li Joseph Caruana seta' leġittimament ikollu serħan tal-moħħ joqgħod fuq il-kelma tal-avukat ta' ħuh li kien obbligat iħallas skont ordni tal-Qorti, mhux biss għaliex kienet bagħtet għalih hija stess u għarrfitu li kien hemm l-ordni tal-Qorti għall-ħlas tal-ispejjeż tal-magazzinaġġ tal-mobbli tiegħu, iżda wkoll għaliex ma jirriżultax li f'xi waqt hi avżatu biex jieħu parir ieħor jew biex ma joqgħodx fuq il-kelma tagħha.

Dan kollu magħdud, il-Qorti ma għandha ebda riżerva li l-attur, Joseph Caruana, iffirma l-iskrittura tat-3 ta' Settembru 2014 fejn intrabat iħallas sehmu mill-ispejjeż tal-magazzinaġġ tal-mobbli assenjati lilu mill-wirt ta' ommu u missieru, għaliex kien taħt żball li ġie indott fih minħabba informazzjoni ħażina li ngħatatlu mill-avukat tal-

konvenut li dawn il-mobbli tpoġġew f'magazzinaġġ skont xi ordni tal-Qorti – ordni li ma kienx fil-fatt ingħata - u konsegwentement, fehem li kien obbligat iħallas l-ispejjeż relattivi. Dan l-iżball hu wieħed sostanzjali kif ukoll determinanti għaliex huwa ppruvat fuq bażi ta' bilanċ ta' probabbilitajiet illi mingħajr it-tagħrif ħażin l-attur ma kienx jintrabat għall-ħlas ta' dawn l-ispejjeż. Ġie stabbilit ukoll li l-iżball, fiċ-ċirkostanzi ta' kif seħħew, huwa skużabbli.

**Għal dawn il-motivi, taqta' u tiddeċiedi li filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel eċċezzjoni u tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħra kollha tal-konvenuti, tilqa' t-talba tal-attur Joseph Caruana u filwaqt li tiddikjara li l-kunsens tal-istess attur fuq l-iskrittura privata li ġiet iffirmata fit-3 ta' Settembru 2014, imsemmija fir-Rikors promotur, kien mogħti bi żball, tiddikjara wkoll illi din l-iskrittura privata hija nulla u mingħajr ebda effett fil-liġi.**

**L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenuti.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**